MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru 613/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

Vs

Salvatore Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 588552M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Mejju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkorrompa diversi ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta (ADT);

2. Fl-istess perjodu u cirkostanzi, weghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil diversi persuni li tasserixxi jew tikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) sabiex iggieghel lil dawn l-ezaminaturi tas-sewqan jesercitaw dik l-influwenza;

3. Fl-istess perjodu u cirkostanzi, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma' l-Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta (ADT);

4. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tliet xhur, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 2006;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza mal-qari tal-akkuza fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta' korruzjoni ta' ufficjal jew impiegat pubbliku (Artikolu 120), l-uzu ta' influenza (Artikolu 121A(1)(2), u li kkommetta r-reat fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.
Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni li baqa jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-istqarrjiet tal-imputat esebiti in atti;

Wara li qieset l-imsemmija stqarrijiet minghajr ma trid tnaqqas mill-gravita tar-reati mhiex tal-fehma li timponi bhala piena f'dan il-kaz dik ta' prigunerija.

Ghaldaqstant l-Qorti qeghdha tiddecidi wara li rat l-Artikolu 18, 120, 121A(1) (2), 17, 31 li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Fil-konfront tal-ahhar akkuza l-Qorti qeghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante ukoll illi kemm nuqqas ta' fattur wiehed – dak ta' meta gew kommessi r-reati (skond ic-citazzjoni fix-xahar ta' Mejju 2006 u fix-xhur ta' qabel) relattivament mas-sentenza (esebita) li inghatat fit- 8 ta' Mejju tal-istess sena.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu dervanti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------